**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 53/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Eman Zammit**
**(ID 506579(M))**

**Illum, 13 ta' Novembru 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Eman Zammit ta' 38 sena, iben Carmelo u Michelina nee` Borg, imwieled il-Pieta` nhar id-29 ta' Ottubru 1979, residenti 'Juventus', No. 47, Flat 1, Triq Ganni Bonavia, Zabbar u/jew 'St. Leery', Triq il-Kuncizzjoni, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 506579(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Awwissu 2012, u fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnek anke jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

a) Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer, jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-gzejjer medicina (eroina) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tan-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d) Talli bhala persuna li mhux impjegata fil-habs (Facilita` Korrettiva ta' Kordin) minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett/i, jkun/u li jkun/u, li huma projbit/i, skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett/i bhal dawk barra minn xi habs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat Eman Zammit talli huwa recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

f) Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lil Eman Zammit sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2017, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (e) salv, minkejja tali ammissjoni, ghall-imputazzjoni (d) u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Permezz tal-imputazzjoni (d), l-imputat gie akkuzat, ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, talli minghajr l-awtorita` legittima, huwa dahhal jew ipprova jdahhal gewwa l-habs, oggetti li huma projbiti skont ir-regolamenti maghmula taht l-Att ossia l-Att Dwar il-Habs. Jirrizulta mill-provi prodotti illi fil-

pussess tieghu, gewwa c-cella li fiha kien jinzamm, l-imputat kellu *mobile* u *charger*. X'aktarx ghalhekk kienet is-sejba ta' dawn l-oggetti illi wasslet lill-Prosekuzzjoni sabiex taddebita lill-imputat b'din l-imputazzjoni. Dan qed jinghad b'mod partikolari ghaliex l-imputazzjoni tirreferi b'mod specifiku ghall-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 u mhux ghall-Artikolu 7(2) tal-istess Kapitolu li tipprovdi piena izjed harxa meta l-oggetti projbiti jkunu jikkonsistu, fost ohrajn, f'medicina perikoluza. Ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260, il-piena li ghandha tinghata ghal tali reat hija dik ta' multa ta' mhux izjed minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). Dan ifisser, ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-azzjoni kriminali dwar dan ir-reat, taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. Jirrizulta mill-atti u b'mod partikolari mit-tahrika odjerna illi din giet intavolata mill-Prosekuzzjoni, fir-Registru ta' din il-Qorti, fl-20 ta' April 2017 u ghalhekk, la darba l-imputazzjoni tirreferi ghall-21 ta' Awwissu 2012 u t-tnax il-xahar ta' qabel din id-data, ferm wara l-perjodu preskrittiv ta' sentejn. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-imputazzjoni (d) hija preskritta u konsegwentement, minkejja l-ammissjoni tieghu, ai termini tal-Artikolu 694 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tistax issib lill-istess imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tqis in-natura u l-gravita` tal-imputazzjonijiet odjerni u l-fatt illi f'dan il-kaz, it-traffikar tal-eroina sehh gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, waqt illi l-imputat kien jinsab detenut qua prigunier gewwa l-istess facilita`. Dan certament jirrendi r-reat izjed gravi, tant li japplikaw ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skont liema, il-piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn.

Qieset ukoll l-ammonti ta' droga eroina li kienu nvoluti fit-tliet okkazzjonijiet li l-imputat jammetti li ddahhlet lilu d-droga gewwa l-habs da parti ta' Sabrina Caruana, ossia l-ewwel darba madwar hames grammi eroina (li skont hu, minnhom zamm gramma), it-tieni darba madwar ghaxar grammi eroina (li skont hu, minnhom zamm tliet grammi) u t-tielet darba u cioe` fl-okkazzjoni li huwa nqabad bid-droga fil-pussess tieghu, madwar sitt grammi eroina (li skont hu, kellu jzomm zewg grammi minnhom). L-ammont ta' wiehed u ghoxrin gramma eroina diga` fih inniffsu mhuwiex ammont negligibbli jew insinjifikanti, *multo magis* imbaghad meta wiehed iqis li tali ammont iddahhal fil-konfini tal-habs u parti kbir minnu gie traffikat proprju fl-istess konfini.

Tqis ukoll il-fedina penali pjuttost voluminuza tal-imputat odjern, liema fedina penali kienet tikkonsisti, fiz-zmien tar-reati odjerni, f'diversi kundanni fosthom dwar reati kontravvenzjonali, reati bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, serq

aggravat f'diversi okkazzjonijiet, reati taht l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, frodi b'eghmil qarrieqi, ricettazzjoni f'izjed minn okkazzjoni wahda, offiza ta' natura hafifa, pussess semplici ta' droga f'diversi okkazzjonijiet, kif ukoll pussess aggravat tad-droga eroina. Dwar dawn, l-imputat gie kkundannat ghall-pieni pekunjarji, sentenza ta' prigunerija sospiza u sentenzi ta' prigunerija effettiva f'sitt okkazzjonijiet, apparti li nghata liberazzjoni kundizzjonata fi tliet okkazzjonijiet u Ordni ta' *Probation.*

Tqis ukoll mill-banda l-ohra illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija f'dawn il-proceduri u li kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi l-pulizija waslet ghall-persuna li kienet tipprokuralu d-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Tqis ukoll f'dan ir-rigward illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, biss jirrizulta car mix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit illi l-imputat kixef lill-persuna li kienet prokuratlu d-droga fi tliet okkazzjonijiet, li din giet arrestata fl-istess jum u li giet imressqa l-Qorti in konnessjoni ma' dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 fil-konfront tal-imputat odjern u qeghda tnaqqas il-piena, dwar prigunerija, bi grad wiehed u dwar piena pekunjarja, b'terz.

Tqis ukoll illi l-imputat gie addebitat bir-recidiva, permezz tal-imputazzjoni (e). F'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' zewg sentenzi. L-ewwel wahda hija sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Antonio Mizzi fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) vs Eman Zammit', li ggib id-data tat-12 ta' Novembru 2010. Mill-istess sentenza jirrizulta illi l-karta tal-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza, kif ukoll il-konnotati tieghu, huma identici ghal dawk tal-imputat odjern u ghaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront tieghu. Permezz tal-istess sentenza, l-imputat gie kkundannat ghall-piena ta' sena u tliet xhur prigunerija, fil-waqt illi ngiebet fis-sehh sentenza, originarjament sospiza, ta' sentejn prigunerija. Ghalhekk b'kollox l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' tliet snin u tliet xhur prigunerija. Il-Qorti tqis f'dan ir-rigward illi ma ngabitx prova mill-Prosekuzzjoni illi fiz-zmien li huwa kkommetta r-reati odjerni, l-imputat kien diga` skonta din is-sentenza. Effettivament mill-provi prodotti jirrizulta illi x'aktarx din is-sentenza kienet ghadha ma gietx skontata fl-intier taghha. Fl-istqarrija tieghu tal-21 ta' Awwissu 2012, mistoqsi kemm kien ilu gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, l-imputat iwiegeb hekk: "*Tnejn u ghoxrin xahar ghax ghandi sentenza ta' tliet snin u tlitt xhur, u ohra ta' sitt xhur, fadalli tmien xhur biex nohrog mill-habs*". Fil-fatt jirrizulta wkoll mill-fedina penali tal-imputat illi permezz ta' sentenza datata 11 ta' Frar 2011, l-imputat kien gie

kkundannat ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija. Jidher ghalhekk illi l-imputat kien ghadu ma skontax l-piena li ghaliha gie kkundannat permezz tas-sentenza tat-12 ta' Novembru 2010 u ghalhekk jista' jitqies biss recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal fini tal-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll vera kopja ta' sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-kompjant il-Magistrat Dr. Joseph Cassar, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Bernard Zammit/Spettuer Angelo Caruana) vs Eman Zammit', mil-liema sentenza wkoll jirrizulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-kaz huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. Din is-sentenza ggib id-data tad-9 ta' Lulju 2003 u permezz taghha, l-imputat gie kkundannat ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva. Stante ghalhekk illi d-delitti odjerni gew kommessi mill-imputat wara hames snin minn dakinhar li skonta din il-piena, ma jistax jitqies bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, izda biss skont l-Artikolu 49 tal-istess Kapitolu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(2)(b)(i) u l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17, 18, 33A u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-imputazzjoni (d) bhala preskritta u ghaldaqstant, qed tillibera lill-imputat minn kull htija u piena dwar l-istess, fil-waqt illi, fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (e) migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' tliet snin prigunerija effettiva u multa ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnuh u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas nofs[1] l-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-

[1] Il-Qorti qed tqis illi f'dan il-kaz kienu nvoluti wkoll terzi persuni.

process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, l-ammont ta’ liema spejjez ghandu jigi stabbilit mir-Registratur.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat